# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1302/2023**

**FREDDIE BALDACCHINO (KI 245549M) U**
**ADELAIDE BALDACCHINO (KI 299751M)**
**IN RAPPREŻENTANZA TA'**
**ALFRED BALDACCHINO LIMITED (C-10418)**

**VS**

**IVAN FENECH (KI 368872M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għaxra (10) ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għar-rifużjoni tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37), illi s-soċjeta' rikorrenti ssostni illi tikkostitwixxi arrikkiment indebitu da parti tal-intimat għad-dannu tal-kumpanija attriċi fit-termini tal-Art 1028A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-ħmistax (15) ta' Novembru 2023, Freddie Baldacchino in rappreżentanza tas-soċjeta' **Alfred Baldacchino Limited**, ikkonferma s-segwenti bil-ġurament tiegħu:

    a. *Illi fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) inħareġ cheque bin-numru 13596 lil Ivan Fenech fl-ammont ta' sitt mija u wieħed Ewro* (sic) *u tmenin ċenteżmu (€601.80) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC – Dok AB1 mehmuż;*

    b. *Illi fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) inħareġ cheque bin-numru 13611 lil Ivan Fenech fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC – Dok AB2 mehmuż;*

    c. *Illi fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB3 mehmuż;*

    d. *Illi fis-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u erbatax-il Ewro (€1,014) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB4 mehmuż;*

    e. *Illi fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li*

*jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB5 mehmuż;*

f. *Illi fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' disa' mija u tletin Ewro (€930) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB6 mehmuż;*

g. *Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' disa' mija u tlieta u sittin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€963.40) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB7 mehmuż;*

h. *Illi fl-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mija u disgħa u tletin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€1,139.17) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB8 mehmuż;*

i. *Illi fil-ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' seba' mija u wieħed Ewro* (sic) *u tnax-il ċenteżmu (€701.12) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB9 mehmuż;*

j. *Illi fil-ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' tliet mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€348.88) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB10 mehmuż;*

k. *Illi fid-dsatax (19) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u ħamsin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,050.20) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB11 mehmuż;*

l. *Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB12 mehmuż;*

m. *Illi fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€548.50) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB13 mehmuż;*

n. *Illi fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u sitta u erbgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€1,046.34) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru*

*MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB14 mehmuż;*

o. *Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€643.10) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB15 mehmuż;*

p. *Illi fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u sitta u erbgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,046.20) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB16 mehmuż;*

q. *Illi fit-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u ħames mija u erbgħa u tletin Ewro (€1,534) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB17 mehmuż;*

r. *Illi fl-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mitejn u tlieta u tletin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€1,233.52)* (sic) *mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB18 mehmuż;*

s. *Illi fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' elf, mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,191.80) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB19 mehmuż;*

t. *Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u mija u tnejn Ewro* (sic) *u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,102.23) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB20 mehmuż;*

u. *Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u tlieta u tletin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1,033.81) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB21 mehmuż;*

v. *Illi fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' sitt mija u ħamsa u tmenin Ewro (€685) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL2201300000004013046228, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB22 mehmuż;*

w. *Illi fil-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' elf u erbgħa u erbgħin Ewro u tletin*

*ċenteżmu (€1,044.30) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000040130462288, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB23 mehmuż;*

x. *Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' ħames mija u sittin Ewro (€560) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000040130462288, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB24 mehmuż;*

y. *Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sar trasferiment fl-ammont ta' erba' mija u disgħin Ewro (€490) mill-kont bankarju li l-kumpanija attriċi żżomm mal-HSBC għal kont b'IBAN numru MT75VALL22013000000040130462288, liema kont jidher li jappartjeni lil Ivan Fenech skont id-dettalji li jidhru fl-Activity Log Details tat-trasferiment – Dok AB25 mehmuż;*

z. *Illi b'hekk l-ammont totali mgħoddi lil Ivan Fenech huwa ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37), liema ħlasijiet jirrappreżentaw ħlas ta' ammont mhux dovut lill-intimat mis-soċjeta' rikorrenti, u dan peress illi l-intimat Ivan Fenech ma kellux bażi jew dritt jew ġustifikazzjoni legali li jirċievi dawn il-flus mingħand il-kumpanija attriċi;*

aa. *Illi għalhekk Ivan Fenech, mingħajr kawża ġusta, arrikkixxa ruħu indebitament għad-dannu tal-kumpanija attriċi, fis-sens tal-Art 1028A tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

bb. *Illi għalhekk jitwieled obbligu min-naħa tal-intimat li jħallas lura dak li rċieva u/jew arrikkixxa ruħu bih indebitament u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li sofriet is-soċjeta' rikorrenti;*

3. Għaldaqstant is-soċjeta’ rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ammont imħallas u rċevut kif fuq spjegat jirrappreżenta ħlas fl-ammont ta’ tlieta u għoxrin elf, u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37), liema ammont huwa arrikkiment indebitu;*

   ii. *Illi l-konvenut huwa obbligat jirritorna dak li rċieva, jiġifieri l-ammont ta’ tlieta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37);*

   *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 90/2023 bid-data 7 ta’ Awwissu 2023, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1436/2023 bid-data 7 ta’ Awwissu 2023, u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.*

   *Bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni fil-liġi.*

4. Permezz ta’ digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Novembru 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta’ nhar it-Tlieta, tlieta u għoxrin (23) ta’ Jannar 2024, b’ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimat, illi ngħata għoxrin (20) jum biex jirrispondi skont il-liġi, u sabiex jippreżenta wkoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tad-difiża tiegħu;

5. B’rikors datat ħamsa u għoxrin (25) ta’ Marzu 2024, is-soċjeta’ rikorrenti informat lill-Qorti illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat bir-Rikors Ġuramentat u l-Avviż tas-Smigħ, u dan lanqas wara l-ħin legali. Peress illi s-soċjeta’ rikorrenti ma kienet taf bl-ebda indirizz ieħor tal-konvenut, u peress illi kien diffiċli għaliha sabiex tinnotifika lill-konvenut fuq il-post tax-xogħol stante li xogħlu jinvolvi l-bejgħ ta’ *detergents* minn vann li jimxi minn post għall-ieħor mingħajr skeda fissa, is-soċjeta’ rikorrenti talbet sabiex din il-Qorti tawtorizza n-notifika bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni. Permezz ta’ digriet datat sebgħa u għoxrin (27) ta’ Marzu 2024, din il-Qorti

laqgħet it-talba, u ordnat li l-pubblikazzjoni ssir fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali waħda ta' kuljum;

6. Wara illi rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2024, iżda naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu lilu konċess, il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja waqt is-seduta tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 2024.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi datat ħmistax (15) ta' Novembru 2023, u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Rat l-affidavit ta' **Adelaide Baldacchino** immarkat **Dok 1** a fol 38 tal-proċess;

9. Rat l-affidavit ta' **David Pulis** immarkat **Dok 2** a fol 39 tal-proċess;

10. Rat l-affidavit ta' **Alfred Baldacchino** a fol 41 tal-proċess;

11. Rat illi, wara illi l-Qorti awtorizzat in-notifika tal-konvenuta bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, il-konvenut ġie debitament notifikat, iżda baqa' ma ntavolax risposta fit-terminu lilu konċess mil-liġi, b'dana illi din il-Qorti ddikjaratu fi stat ta' kontumaċja[1];

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Cettina Zammit** in rappreżentanza ta' **HSBC Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja (8) t'Ottubru 2024[2], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CZ1**, a fol 67 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza ta' **Bank of Valletta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja (8)

[1] Vide verbal a fol 57 tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 65-66 tal-proċess

t'Ottubru 2024[3], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB1** sa **Dok JB5** a fol 106 *et seq* tal-proċess;

14. Rat illi l-konvenut ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet entro t-terminu lilu konċess mill-Qorti;

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti datata għoxrin (20) ta' Novembru 2024;

16. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

17. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

18. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenut fil-kawża odjerna;

19. L-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ*

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 102 *et seq* tal-proċess

*tentativi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizazzjonijiet oħra mill-Qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. [...]*

*[...]*

*(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*

20. Fil-każ odjern, il-Marixxall tal-Qorti għamel tliet attentati sabiex jinnotifika lill-konvenut: fil-ħdax (11) ta' Diċembru 2023, fil-ħdax (11) ta' Marzu 2024,

u fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024 wara l-ħin legali, iżda kien għalxejn. Kien għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti, b'rikors tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024, ressqet talba lil din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

21. Dwar il-proċedura kontemplata mill-Artikolu 187(3) tal-Kap 12, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Three Barrels Limited vs Joan Schembri noe***[4], kif ċitata b'approvazzjoni wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frances Bergedahl noe vs Francis Formosa***[5]:

> *Dan l-artikolu* [cioe l-Artikolu 187(3)] *jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika ta' att bil-proċedura hekk imsejħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*
>
> *(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*
>
> *(b) Illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*
>
> *(c) Illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*
>
> *Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u" għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem,*

[4] Ċit Nru 553/99, Qorti tal-Appell (Superjuri), 13 ta' Lulju 2001
[5] App Ċiv Nru 128/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Settembru 2011

*“meta jkun possibbli jekk il-post ta’ residenza jkun magħruf”, illi titwaħħal kopja ta’ l-iskrittura jew att mal-bieb ta’ dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta’ l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.*

22. Il-Qorti rat illi:

   a. Kopja tal-att twaħħlet l-Għassa tal-Pulizija, Sliema u l-Kunsill Lokali, Pieta, nhar it-tmienja (8) u l-ħamsa (5) t’April 2024 rispettivament (vide timbru a fol 49a tal-proċess);

   b. Saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-ħamsa (5) t’April 2024 (a fol 50 tal-proċess);

   c. Saret il-pubblikazzjoni f’ġurnal lokali wieħed nhar is-sittax (16) ta’ Mejju 2024, kif ordnat minn din il-Qorti (vide **Dok AB26** a fol 55 tal-proċess);

23. Jirriżulta għalhekk illi għandu jitqies illi l-konvenut ġie notifikat bl-atti nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju 2024, cioe tlett ijiem ta’ xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni. Madanakollu, il-konvenut naqas milli jintavola risposta fit-terminu t’għoxrin jum minn din id-data, hekk kif osservat mill-Qorti waqt is-seduta tal-għoxrin (20) ta’ Ġunju 2024;

24. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

*158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

*[...]*

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

25. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja;

26. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenut kellu l-possibilta' illi jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqas milli jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tiegħu bir-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[6], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[7], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

[6] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[7] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

*(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

*(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

27. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

*Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament*

*bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

28. Fil-każ odjern, il-konvenut jitqies illi kien ben konxju tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tiegħu, għaliex huwa kkunsidrat illi ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenut kellu raġuni valida illi għaliha ddeċida illi ma jintavolax risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kellu mill-inqas jara illi jidher huwa stess u/jew ikun rappreżentat waqt is-seduti sabiex jitlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih seta' jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu, il-konvenut naqas milli jagħmel dan, u għażel minflok illi jibqa' sieket. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenut ġab prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

29. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni.

Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[8], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenut qiegħed jitqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut naqas milli jirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża</u>*

30. Il-kawża odjerna hija *actio de in rem verso*, intavolata ai termini tal-Artikolu 1028A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *1028A. (1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.*

[8] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

> *(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.*

L-Artikolu 1028B tal-Kap 16 ikompli miegħu, u jgħid:

> *1028B. L-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu.*

31. Il-prinċipju illi huwa l-pern ta' din l-azzjoni huwa dak illi mhuwiex xieraq li persuna tistagħna a dannu ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*). Infatti, dwar din it-tip t'azzjoni ġie ritenut, *inter alia*, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Francene Cini vs Domenic Zammit***[9]:

> *14. F'tema ta' dritt, mid-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 1028A u 1028B tal-Kodiċi Ċivili**, meħudin flimkien, joħorġu l-ħames presupposti li jridu simultanjament jikkoeżistu għall-iskop tal-azzjoni de in rem verso, u ċjoè:- (i) l-arrikkiment; (ii) id-dannu; (iii) il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment; (iv) in-nuqqas ta' kawża ġusta; u (v) in-nuqqas ta' azzjoni oħra mil-liġi prevvista. Diġà qabel l-introduzzjoni tal-prinċipju fil-**Kodici Ċivili bl-Att VII tal-2007**, il-Qrati tagħna kienu jsostnu l-validità tal-azzjoni fuq l-affermazzjoni antika tal-**Pomponio** (L. 206 fr. de regulis juris), «iure naturae aequum est, neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem.» Wieħed, imbagħad, ma jistax ma jinnotax illi meta l-leġislatur introduċa statutorjament il-prinċipju huwa kkollokah bejn l-atti u l-fatti produttivi ta' obbligazzjonijiet, diversi sija mill-kuntratt u mid-delitt jew*

[9] Rik Nru 12/2016/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 17 ta' Ottubru 2024

*mill-kważi-delitt. Similment għan-negotiorum gestor u l-indebiti solutio, l-arrikkiment indebitu hu fonti ieħor ta' obbligazzjoni. Premess dan, id-dottrina u l-ġurisprudenza jikkaratterizzaw l-azzjoni bħala waħda sussidjarja. Li jfisser konċettwalment li hu rimedju estrem li jista' jiġi invokat meta l-qagħda, li tkun ħolqot l-iskwilibriju bejn il-partijiet, ma tkunx tista' tiġi regolata b'xi mezz ieħor rikonoxxut mil-liġi. Din l-interpretazzjoni restrittiva tinżel proprju mill-**Artikolu 1028B tal-Kodiċi Ċivili**, b'tali mod li s-sussidjarjetà hi strument ta' kontroll għat-twessigħ tal-kamp operattiv tal-azzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tas-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Chetcuti et v. Rosario Gatt et)**.*

32. Mill-provi prodotti mis-soċjeta' attriċi, din il-Qorti tosserva illi ġie pruvat illi l-flus illi ġew trasmessi mis-soċjeta' rikorrenti tramite żewġ ċekkijiet u numru ta' *bank transfers* għal total ta' €23,257.37 ġew trasmessi lill-konvenut Ivan Fenech, b'dana illi kien hemm arrikkiment da parti ta' Ivan Fenech u dannu da parti tas-soċjeta' rikorrenti stante illi ma jirriżulta illi kien hemm l-ebda kawża ġusta illi għaliha kellhom jiġu trasmessi l-istess flus. Għaldaqstant tirriżulta wkoll il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment, u din il-Qorti ma tarax illi kien hemm xi azzjoni oħra illi setgħet tiġi invokata mis-soċjeta' rikorrenti sabiex tirkupra l-fondi trasmessi lill-konvenut;

33. Minn dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ma tista tasal għall-ebda konklużjoni għajr illi l-ammont kif pretiż huwa effettivament dovut, u dan b'mod partikolari tenut kont illi **l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti ma ġiet fl-ebda punt kontestata mill-konvenut fil-mori tal-proċeduri odjerni**. Dan minkejja illi ngħata kull opportunita' minn din il-Qorti sabiex jagħmel dan;

34. Din il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi l-konvenut Ivan Fenech arrikkixxa ruħu indebitament għad-dannu tal-kumpanija attriċi fis-somma ta' tlieta u

għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37), b'dana illi t-talbiet rikorrenti jimmeritaw illi jintalqgħu.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' attriċi, u għalhekk tiddikjara u tiddeċiedi illi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37) tirrappreżenta arrikkiment indebitu da parti tal-konvenut Ivan Fenech imħallas lilu mis-soċjeta' rikorrenti;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u tobbliga lill-konvenut jirritorna s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€23,257.37) minnu riċevuta mingħand is-soċjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 90/2023 datata 7 ta' Awwissu 2023, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1436/2023 datat 7 ta' Awwissu 2023, u bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**